

Insostenn tat-talbiet tagħha, ir-rikorrenti ssostni li l-evalwazzjonijiet tal-esperti esterni tal-EACEA dwar il-proġett ippreżentat minnha u l-marki rispettivi mogħtija mill-istess esperti għal kull kriterju għall-għoti huma vvizzjati minħabba n-natura apodittika tal-motivazzjoni, minħabba żball fl-applikazzjoni tal-kriterji ta' evalwazzjoni u minħabba kontradizzjonijiet inerenti u nuqqas ta' loġika fl-evalwazzjonijiet. Dawn l-irregolaritajiet kienu deċiżivi għall-esklużjoni tal-proġett ippreżentat mir-rikorrenti mil-lista tal-proġetti ffinanzjati, esklużjoni li seħħet minħabba 0.5 ta' punt biss.

F'dan ir-rigward qed jiġi enfasizzat li, fl-Artikolu 109 tiegħu, ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002, tal-25 ta' Ġunju 2002, rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, jipprovdi, fir-rigward ta' għotijiet, li, "L-għoti ta' flejjes għandu jkun suġġett għall-prinċipji ta' trasparenza u trattament ugwali".

### Rikors ippreżentat fit-3 ta' Novembru 2009 — Azienda Agricola Bracesco vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-440/09)

(2009/C 312/69)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

#### Partijiet

**Rikorrenti:** Azienda Agricola Bracesco Srl (Orgiano, l-Italja) (rappreżentanti: F. Tosello, avukat, S. Rizzioli, avukat, C. Pauly, avukat)

**Konvenuta:** Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

#### Talbiet tar-rikorrenti

— tikkundanna lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej sabiex, skont l-Artikoli 235 u 288(2) tat-Trattat KE, tħallas

bħala danni favur il-kumpannija Azienda Agricola Bracesco s.r.l, li attwalment tinsab fi stralċ, l-ammont ta' EUR 335 000, jew kwalunkwe ammont ieħor stabbilit matul il-proċedura u li, fi kwalunkwe każ, ikun stabbilit mill-qorti, minbarra l-imgħax legali minn meta l-ammont isir dovut sad-data effettiva tal-ħlas;

— tikkundanna lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għall-ispejjeż.

#### Motivi u argumenti prinċipali

Dan ir-rikors għal kumpens għad-danni li jirriżultaw mir-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Komunità Ewropea jinsab fil-kuntest ta' miżuri Komunitarji tal-ġlieda kontra l-influenza avjarja.

F'dan ir-rigward, qed jiġi sostnut illi, minħabba t-tfixkil fis-suq Ewropew tat-tjur kkawżat minħabba t-tnaqqis tal-prezzijiet wara t-tnaqqis tad-domanda mill-konsumaturi, marbuta, minn naħa tagħha, mat-tixrid tal-influenza avjarja, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej iddeċidiet li tintervjeni permezz tar-Regolament Nru 1010/2006 <sup>(1)</sup>, li jipprovdi miżuri ta' sostenn favur il-bdiewa.

Madankollu, minkejja li l-leġiżlazzjoni Komunitarja rigward is-saħħa tal-annimali; tinkludi s-sommien fil-kunċett ta' tjur, il-produtturi tal-għasafar involuti fit-trobbija u fil-qatla ta' din l-ispeċi ġew esklużi mingħajr ebda raġuni mill-benefiċċju tal-għaj-nuna.

Ir-rikorrenti, Azienda Agricola Bracesco s.r.l fi stralċ, tallega li sofriet danni mhux iġġustifikati minħabba mgħiba tal-Kummissjoni Ewropea, li tikkostitwixxi vjolazzjoni gravi u manifest ta' wieħed mill-prinċipji fundamentali tal-ordinament ġuridiku Komunitarju, jiġifieri il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni.

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1010/2006, tat-3 ta' Lulju 2006, li jikkonċerna ċerti miżuri eċċezzjonali ta' sostenn tas-suq fis-setturi tal-bajd u tat-tjur f'ċerti Stati Membri (ĠU L 180, p. 3).